KULLEĠĠ SAN INJAZJU
Sekondarja Subien / Bniet, tal-Ħandaq, ĦAL QORMI
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014

**Livelli 6–7**

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn u kwart**

Isem u Kunjom: ________________________________________ Klassi: __________

## Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ1 | Ċ2 | D1 | D2 | Smigħ | Taħdit | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 14 | 10 | 15 | 15 | 6 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

▶ **Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**

# Il-Karnival

L-isem karnival ġej mill-kelmiet ‘carnis’– li bil-Latin tfisser ‘laħam’– u ‘levare’– li bil-Latin tfisser ‘tħalli barra’. Dan għaliex wara l-Karnival, kien jibda r-Randan, li kien żmien ta’ penitenza li fih ma kienx jittiekel laħam. Imma minn fejn ġew it-tradizzjonijiet tal-Karnival? ***(par. 1)***



Meta l-Ewropej skoprew l-Amerka, dawn sabu li n-nies tal-post kellhom ħafna tradizzjonijiet u festi fit-tribujiet tagħhom. Waħda minn dawn id-drawwiet kienet l-*areitos*. L-*areitos* kienet ċelebrazzjoni b’ħafna kant u żfin. ***(par. 2)***

Xi ħaġa simili ġrat meta l-Ewropej bdew jaħkmu pajjiżi Afrikani. Dawn magħrufa għall-kuluri vivaċi li jħobbu jużaw u jinżebgħu bihom waqt iż-żfin u l-parati tagħhom. Kif ukoll, għall-kant u d-daqq ta’ diversi tipi ta’ strumenti waqt il-festi u għall-kostumi u l-maskri ikkuluriti. L-Ewropej bdew iżidu dawn id-drawwiet mal-festi tal-Karnival. ***(par. 3)***



Biż-żmien, kull pajjiż beda jkollu l-Karnival tiegħu b’xi drawwiet partikolari għalih. Ġieli, fl-istess pajjiż, dawn id-drawwiet ivarjaw anki minn reġjun għal ieħor. Pereżempju, fil-Brażil jeżistu diversi stili ta’ kif jiġi ċċelebrat il-Karnival u kull ‘Karnival’ għandu l-kostumi u l-mużika tipika tiegħu. L-iktar Karnival magħruf fil-Brażil huwa dak ta’ Rio de Janeiro. Hemmhekk, il-Karnival jiġi ċċelebrat b’parati u żfin mal-belt kollha. ***(par. 4)***




F’Malta, il-Karnival beda jiġi ċċelebrat fil-ħmistax-il seklu u l-Kavallieri tal-Ordni ta’ San Ġwann komplew jagħtu spinta lil din il-festa. Tant kienu jsiru ċelebrazzjonijiet li La Vallette kellu jbeżbeż lil xi kavallieri li kienu esaġeraw fil-mod kif jixxalaw f’dawn il-festi. Anki l-Gran Mastru Lascaris, ma kienx jieħu gost biċ-ċelebrazzjonijiet esaġerati li kienu jsiru f’dawn iż-żminijiet tant li kien illimita ħafna l-festi prinċipali tal-Karnival. Illum, il-festi prinċipali tal-Karnival isiru fil-Belt Valletta u fil-Furjana, għalkemm jiġu ċċelebrati wkoll b’mod spontanju f’xi bliet u rħula. ***(par. 5)***

Bħal kull avveniment ieħor li jiġi organizzat matul is-sena, tajjeb li napprezzaw l-isforz kbir li jagħmlu tant dilettanti matul is-sena, biex f’dan iż-żmien tal-Karnival jipprovdulna spettaklu ta’ arti, mużika u kuluri li jferraħ lil kull min jattendi għal xi attività li tittella’ f’dawn il-jiem ta’ qabel il-bidu tar-Randan. ***(par. 6)***

*(Silta meħuda u addattata mir-rivista ‘Xehda Għasel’ ta’ Jannar-Frar 2013)*

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

**1.** Semmi x'kien jibda wara l-Karnival.

_______________________________________________ **(marka)**

**2.** X'kienet l-*areitos*?

_______________________________________________ **(marka)**

**3.** Agħmel sing taħt it-tajba:

(L-Amerikani / L-Afrikani) huma magħrufin għall-kuluri vivaċi li jħobbu jużaw u jinżebgħu bihom. **(marka)**

**4.** Il-Karnival ta' Rio de Janeiro huwa l-iktar karnival magħruf fil-Ġamajka. Veru ❑ Falz ❑

Minn paragrafu 4, ikkopja l-frażi li ssaħħaħ it-tweġiba tiegħek

_______________________________________________ **(marka)**

**5.** Meta beda jiġi ċċelebrat il-karnival f'Malta?

_______________________________________________ **(marka)**

**6.** Semmi min kompla jagħtih spinta.

_______________________________________________ **(marka)**

**7.** La Vallette beżbeż lil xi Kavallieri li _______________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

**8.** Min illimita ħafna l-festi prinċipali tal-Karnival?

_______________________________________________ **(marka)**

**9.** Semmi ż-żewġ postijiet f'Malta fejn isiru l-festi prinċipali.

_______________________________________________ **(marka)**

**10.** Lid-dilettanti għandna napprezzawhom? Għaliex?

_______________________________________________ **(marka)**

## ANALIŻI TESTWALI

**11.** Dawn magħrufa għall-kuluri vivaċi li jħobbu jużaw u jinżebgħu bihom waqt iż-żfin u l-parati tagħhom. *(par. 3)* Għal min qed jirreferi l-pronom'dawn'? ________________________ **(marka)**

**12.** ...kienu esaġeraw fil-mod kif jixxalaw.... *(par. 5)* Għal min qed tirreferi din il-frażi?

________________________________________________________________________________ **(marka)**

## LESSIKU

**13.** Sib kelma minn paragrafu 5 li tfisser 'jiddevertu': ________________________________ **(marka)**

## QWIEL

**14.** F'paragrafu 6, isemmi li d-dilettanti jaħdmu ħafna matul is-sena biex jipprovdulna spettaklu.

Agħżel il-qawl li jaqbel:

Il-fsied iħassar l-ulied ❑ Dak li tiżra' taħsad ❑ Il-ħuta minn rasha tinten ❑ **(marka)**

## B. IL-GRAMMATIKA **(10 marki)**

**1.** Aqleb fl-istat kostrutt: iż-żmien tal-Karnival ________________________________ **(marka)**

**2.** Għaqqad f'kelma waħda.

**a)** id-dahar tagħha ____________________________

**b)** l-id tagħhom ____________________________

**ċ)** ta lilu ____________________________

**d)** seraq lili ____________________________ **(½ marka kull waħda = 2 marki)**

**3.** Aqra ftit din is-silta: **Fil-Karnival ta' sentejn ilu, jien u sħabi, iddeċidejna li mmorru l-Belt. Aħna lbisna libsa bajda, twila sa saqajna, u għattejna anki wiċċna. Konna qisna fatati. Tagħna kien l-iktar kostum tal-biża' li rajna. Is-sena l-oħra lbisna l-istess kostum u morna nduru f'xi rħula.**

▶ Mis-silta sib u ikteb: **a)** nom fis-Singular Farrad Waħdieni _____________________

**b)** nom fl-Għadd Imtenni _____________________

**ċ)** nom fil-Plural Sħiħ _____________________

**d)** nom fil-Plural Miksur _____________________

**e)** pronom dimostrattiv _____________________

**f)** pronom possessiv _____________________

**(½ marka kull waħda = 3 marki)**

**4.** Ikteb kif mitlub/a:

Singular Kollettiv ta': **a.** laħma _________________ **b.** tarġa ____________________

Għadd Imtenni ta': **ċ.** jiem _____________________ **d.** sena_____________________

Plural Sħiħ ta': **e.** kostum _____________________ **f.** ċelebrazzjoni _________________

Plural Miksur ta': **ġ.** libsa _____________________ **g.** wiċċ _____________________

**(½ marka kull waħda = 4 marki)**

## Ċ. IL-LETTERATURA (30 marka)

### Ċ1. IL-POEŻIJA *(Nadriet 2 ta' Tarċisju Żarb)* (15-il marka)

**1.** Din hija strofa mill-poeżija Ballata ta' Ružar Briffa**:**



**Kull fl-għaxija xħin id-dalma**
**Tifrex tulha u l-ħajja tnin,**
**Minn ġo knisja mwarrba, siekta,**
**Jidwi leħen. Ilu s-snin**

**a.** Immarka b'sinjal ta' ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba.
Din l-istrofa tissejjaħ: sunett _____ terzina _____ kwartina _____

**b.** Ikteb f'liema żmien seħħet din il-ġrajja. ___________________________________

**ċ.** Sib u ikteb personifikazzjoni mill-istrofa t'hawn fuq. ___________________________________

**d.** Ikteb żewġ kelmiet li jirrima mill-istrofa t'hawn fuq. ________________ – ________________

**e.** F'din il-poeżija, Rużar Briffa juża l-vers ___________________________________

**(marka kull waħda= 5 marki)**

**2.** Immarka b'sinjal ta' ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba.

**a.** Il-poeżija *Gelmus* ta' Ġorġ Żammit hija dwar:

il-pajsaġġ Malti _____ il-pajsaġġ Għawdxi _____ il-pajsaġġ Taljan _____

**b.** Fil-poeżija *Gelmus*, il-poeta x'ħa miegħu minn fuq l-għolja?

ftit ħamrija _____ żrara _____ xitla tas-sagħtar _____

**ċ.** *Id-Dwejra* hija poeżija: riflessiva _____ argumentattiva _____ dikjarattiva _____

**d.** F'*Id-Dwejra*, Joe Friggieri qiegħed jikteb dwar:

il-bniedem li jibqa' jgħix għal dejjem _____
in-natura li tibqa' għal dejjem _____
id-dwejra li tibqa' għal dejjem _____

**e.** Fil-poeżija ***Ballata***, it-tfajla Maltija kien jisimha: Rita _____ Pina _____ Pawla _____

**(marka kull waħda= 5 marki)**

**3.** Ikteb **20 kelma** dwar il-poeżija ***Ġejja x-Xita*** ta' Mary Meilak. **(5 marki)**

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

## Ċ2. IL-PROŻA (*Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta* ta' Trevor Żahra) (15-il marka)

**1.** Kompli dawn is-sentenzi:

**a.** Fil-maħżen tal-knisja Toni kien ________________________________________ u

________________________________________. **(2 marki)**

**b.** Malli żżewġu, omm u missier Toni telqu lejn l- ____________________________. **(marka)**

**ċ.** Kull meta Toni kien jidħol wara l-fuklar kien jaqbdu _________________________. **(marka)**

**d.** Toni pprova jiftaħ qalbu ma' ______________________ dwar dak li kien ġralu meta daħal fil-kamra ta' wara l-fuklar. **(marka)**

**e.** Fil-kamra t'omm Toni kien joqgħod ________________________________. **(marka)**

**f.** _____________________ tammira u titlob lil San Mikiel. **(marka)**

**ġ.** Meta Paċifiku kien għadu ħaj kien is-seftur fidil tal-________________________________. **(marka)**

**g.** Paċifiku spjega lil Toni li d-dar kienet tħobb lis-Sinjura _______________________ u lis-Sinjorina _______________________. **(2 marki)**

**2.** Ikteb **5 sentenzi** fuq il-**karattru** u l-**ħajja** ta' **WAĦDA** minn dawn:

iz-zija Antida **jew** iz-zija Ġolina.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ **(5 marki)**

## D. IL-KITBA (26 marka)

**D1. IL-KITBA FUNZJONALI** **(6 marki)**

F'madwar **sittin** kelma iddeskrivi lil xi ħadd li jiġi minnek. Tinsiex tagħti deskrizzjoni kemm tad-**dehra**, kif ukoll tal-**karattru** tiegħu/ tagħha.

Tista' tuża l-kliem mill-kaxxa t'hawn taħt biex jgħinuk.

| |
|---|
| twil/a – qasir/a – oħxon/ħoxna – irqiq/a – kulur tal-għajnejn – kulur tax-xagħar – altruwist/a – qalbu/qalbha tad-deheb – ferrieħi/ferriħija –dħuli/dħulija |

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

**D2. KOMPONIMENT** **(20 marka)**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jogħġbok l-aktar u ikteb madwar **200 kelma** fuqu fuq karta separata**.**

### 1. Mit-tieqa ta' kamarti.

*X'tara u x'tisma' mit-tieqa tal-kamra tiegħek? Xi xxomm meta tkun fit-tieqa tal-kamra tiegħek?*

### 2. Ħolma kerha.

*Meta ħlomt din il-ħolma? X'ġara fil-ħolma? X'jagħmilha ħolma daqshekk kerha?*

### 3. Il-flus jgħinu u jtellfu lill-bniedem. Iddiskuti.

*X'jista' jagħmel il-bniedem jekk ikollu l-flus? Kif il-flus jistgħu jkunu ta' ħsara għall-bniedem?*

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

*Numru tal-komponiment*